**ĦAL TARXIEN**

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2019

**SEDUTA NUMRU 87/07**
It-Tlieta 30 TA' OTTUBRU 2018 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali f'73 Triq Santa Marija, Tarxien.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *PAWLU FARRUGIA* | *SINDKU* | |
| *KEITH DARMANIN* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *LUKE GENUIS* | *KUNSILLIER* | |
| *TRISTAN MERCIECA* | *AMBAXXATUR VOT16* | *SKUŻAT* |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

---

## AĠENDA

87.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
87.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
87.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
87.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
87.5 Rapporti;
87.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 72/07;
87.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Sotto Kumitati;
87.8 Mozzjonijiet
87.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

**TALBA**
**Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

## 87.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

**i.** Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija f'din il-laqgħa. Ittri ta' Apoloġija

## 87.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Iffrmar tal-Minuti

**i.** Il-Minuti Nru. 86/2018 tat-25 ta' Ottubru 2018 ittieħdu bħala moqrija peress li kienu ċċirkulati minn qabel. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Paul Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

## 87.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

**i.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fir-rigward tal-Kuntrattur DIMBROS u l-Perit Mintoff is-sitwazzjoni kienet ittranġat biċċa filwaqt li fil-maġġjor parti tagħha kien għandu ftit jew wisq l-istess. Pero żied jgħid is-Sindku li nhar l-Erbgħa 31 ta' Ottubru kien ser ikollu laqgħa mal-Perit Mintoff fl-10am. Perit Mintoff

**ii.** Rigward it-turf tal-ground 5 aside s-Sindku nforma lill-Kunsill li konna għadna l-istess hekk kif kien irrapurtat fl-aħħar laqgħat. Sadanittant il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u ddeċieda li nkelmu l-avukat. Turf tal-ground 5 aside

**iii.** Is-Sindku Paul Farrugia dan l-aħħar kien reġa ltaqa' mal-Ministru u maċ-Chairman ta' Infrastructure Malta u qalulu li toroq Zejtun u Sorijiet kienu qegħdin fil-proċess tat-tenders. Toroq Zejtun u Sorijiet – Minn Infrsastructue Malta

**iv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna għadna bl-istess problema mal-Kuntrattur tal-GREENMT, kemm fir-rigward tal-Iskips tal-Bring In Sites, kif ukoll li dan l-istess kuntrattur kien għadu mhux jissupplixxi l-boroż ħodor. Żied jispjega s-Sindku li l-pubbliku ma kienx qed jifhem li l-Kunsill ma kienx responsabbli għal dawn il-boroż u għaldaqstant il-Kunsill kellu jara x'jagħmel. Qal li għalhekk konna tlabna lill-kuntrattur GREENPAK biex naraw mingħand min stajna nixtru dawn il-boroż sabiex nixtruhom aħna bħala Kunsill Lokali. Dan il-kuntrattur bgħatilna li hu seta' jipprovdina b'dawn il-boroż bi prezz ridott. Il-kwotazzjoni li tawna kien għal 3000 roll boroż u kienu ser jiswewna €2300 VAT inkluż. Il-Kunsill iddiskuta din il-possibilita' u qabel mal-proposta tas-Sindku li jinxtraw dawn il-boroż u li jinxtraw mingħand il-GREENPAK għall-prezz ikkwotat. Xiri ta' Boro ħodor

**v.** Rigward ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Seg. Eżek. reġgħet infurmat lill-Kunsill li għal darb'oħra d-DLG kien reġa bgħat reminder dwar dan. ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Seg. Eżek.

**v.i.** Il-Kunsill għal darb'oħra qabel li jibqgħu mad-deċiżjoni li jistennew direzzjoni mingħand l-Assoċ. Kunsilli Lokali.

**vi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fuq tal-bus shelters konna fil-proċess li napplikaw għall-bus shelter pero meta ġejna biex nimlew l-applikazzjoni ġdida mgħoddija lilna mingħand l-AKL indunajna li fuq l-applikazzjoni li riedet timtela kien hemm daqxejn problema għaliex riedet tinkiteb il-PA number u għaldaqstant kien ifisser li l-Kunsill kellu jqabbad perit sabiex dan japplikalna mal-PA. Żied jispjega li dwar dan kien tkellem mal-AKL u bi qbil Bus Shelter Triq Palma - Applikazzjoni

kienet ser tittella' laqgħa dwar dan ġewwa l-bini tal-AKL.

**vii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li sar jaf li s-Sur Dennis Calleja qed jgħix barra. Gazebo - Ġnien Veliko Turnovo

**viii.** Rigward Blokka appartamenti ġodda fi Triq San Mikiel Fgura s-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għadu kollox l-istess hekk kif irrapurtat lilhom fil-laqgħa preċedenti. Blokka apaprtamenti ġodda fi Triq San Mikiel Fgura

**ix.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fir-rigward tal-ipproċessar tat-tender għax-xogħol relatat għall-Open Air Gym fi Ġnien Kurunell Mass, konna temporanjament weqfin. Tender - Ameljorament ta' Ġnien Kurunell Mass

**x.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar il-Bus Shelter ta' Triq Tarxien kellha tiġi addottata l-istess proċedura hekk kif irraporta ftit qabel għal ta' Triq Palma u għaldaqstant qabel ma jipproċedu kien ser jistenna li ssir l-laqgħa msemmija. Bus Shelter – Triq Tarxien

**xi.** is-Sindku nforma lill-Kunsill li ladarba kienu ġew ippubblikati s-sejħiet għall-offerti tal-kuntratti ta' Ġbir ta' Skart Domestiku u Bulky Refuse u dawn issa kienu għalqu, kellu jinħatar il-Bord tal-Għażla. Ġie deċiż li ż-żewġ kunsillieri Frans Agius u Luke Genuis ikunu fuq il-Bord tal-Għażla flimkien mas-Sindku bħala ċ-Chairman u s-Segretarju Eżekuttiv. Skart Domestiku u Bulky Refuse

**xii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien deher il-Qorti minħabba kumment fuq il-facebook nhar -il 15 ta' Mejju 2018. Waqt is-smiegħ tas-seduta l-avukat tal-akkużat talab jekk kienx biżżejjed li jitlob skuża fuq il-paġna tal-Kunsill fuq FACEBOOK. Din it-talba l-Magistrat ma aċċettahiex kompletament. Għalkemm approva li l-imputat jitlob skuża pubblika, xorta waħda ser ikompli bil-kawża u għal darb'oħra kien reġa ddifferixxa. Kawża l-Qorti

**xiii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna bgħatna lit-TM it-talba fejn konna qed nissuġġerixxu li Triq Dejma tigi kollha *one way* u min ikun irid jidħol lejn il-Bank HSBC jkun irid jinżel Kurunell Mas u jdur mar-roundabout u jidħol Triq Leonardu Abela u joħroġ għal Triq Żejtun u jkun jista jew idur għal Triq il-Kbira jew inkella jibqa sejjer dritt fi Triq Iż-Żejtun fl-area ta' Ġnien Kurunell Mas. Traffic Maangement – Area Ġnien Kurunell Mas

**xiii.i** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar l-ilment li kien daħal mingħand resident fi Triq il-Knisja dwar it-*traffic management* fi Triq Żejtun/Knisja, waqt meeting li kellu ma Infrastructure Malta kien ġie nfurmat li ladarba ssir Zejtun road dan kien ser isir max xogħol. Traffic Management – Zejtun Road

**xv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għad ma kellux risposta dwar l-applikazzjoni għal fondi tal-UIF għal triq il-Kbira. Qal li kien reġa kellem lill-Ministru kif ukoll liċ-Chairman ta' Infrastructure Malta li l-PA kienet qabdet u ddecidiet u għaldaqstant kellom jkelmuhom huma. *UIF – Triq il-Kbira*

**xvi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ftit ġimgħat ilu kellu laqgħa maż-żewġ uffiċċjali mill-Ministeru tat-Turiżmu u għaddielhom l-materjal kollu dwar tax-xelter, u daħħal ukoll il-proġett tar-Reġjun. Ameljorament ta' pjazza f'Misrah Brittania

**xvii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li madwar il-plot fi Triq il-Knisja ma' Triq Wenzu Despott kien inbena l-ħajt. Is-Sindku qal li issa għaldaqstant kien qed jissuġġerixxi li titkompla l-bankina fejn m'hemmx. Il-Viċi Sindku Keith Ħajt madwar il-plot fi Triq il-Knisja ma' Triq Wenzu Despott

Darmanin qal li jekk issir il-bankina wieħed kellu jieħu in konsiderazzjoni li kien hemm parti li tiġi *blind corner* u għaldaqstant tkun ta' perikulu.

**xvii.i** Saret diskussjoni mill-Kunsill dwar dan għaliex għal min kien qed jgħaddi bil-mixi hekk kif inhi mingħajr bankina kienet ferm perikoluża. Sadanittant ġie deċiż unanimament li ssir bankina u nibgħatu lit-TM għal permess biex jikkonsidraw jekk setax jibqa' l-parking eżistenti.

**xviii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna fil-proċess li nippreparaw dokumenti għas-sejħa tal-offerti dwar Fencing/Gates fil-playing fields. Żied jgħid li dan kellu jsir għaliex ĠNIEN JOANNE waħdu hemm bżonn ta' 11 –il grada/fence u għaldaqstant l-ispiża kienet ser tkun waħda li taqbeż l-ammont ta' kwotazzjoni.

Xatbiet protettivi

**xix.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien hemm ċerta ġonna li dawn ma kellhomx arloġġ tad-dawl installat u għaldaqstant kien qed jissuġġerixxi li jsiru l-applikazzjonijiet neċessarji sabiex dawn isiru u b'hekk il-Kunsill Lokali ikun in order.

Applikazzjonijeit arloġġ tad-dawl fil-ġonna

Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u unanimament qabel li jsir kif propost.

**xx.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar il-BEREĠ kienet ser issir laqgħa organizzata mill-AKL għall-Kunsilli Lokali kollha nhar l-Erbgħa 31 ta Ottubru.

*Berġa – Ħal Tarxien*

**xxi.i** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienu daħlu xi talbiet għall-applikazzjoni dwar *traffic management* mingħand it-TM u li dawn kienu :-

Talbiet TM

- RESERVED PARKING BAY – 1.5M KEEP CLEAR – 56 TRIQ L-ISKOLA

**xxi.i.i** Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u qal li ma kienx isib oġġezzjoni li din issir.

**xxii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill kif kien ser jibda jiġi miġbur l-iskart organiku ġewwa Ħal Tarien. Huwa poġġa fuq il-mejda skeda li tiġbor fiha l-ġbir ta' skart organiku, tal-borża s-sewda, riċiklabbli, bulky, u WEEE. Qal ukoll li l-bins il-ħodor kienu qed jiġu mqassma minn ġewwa l-garaxx tal-Kunsill mill-ħaddiema li għandna assenjati magħna taħt l-iskema CWS.

Skeda tal-ġbira ta' skart organiku

**xxiii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-ewwel ġabra tat-tessuti bieb bieb minn Malta Textile kellha ssir nhar it-13 ta' Novembru mill-5.00pm 'il quddiem.

Ġbir tat-tessuti

**xxiv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien qed jissuġġerixxi li l-iskips ta' wara l-iskola jiġu mneħħija u dan għaliex il-pubbliku ma kienx qed jikkopera anzi kien qed jarmi bl-addoċċ u fi kwalunkwe ħin u jum madwarhom u anke skart li mhux suppost jintefa fihom.

Skips wara l-knsija Parrokkjali

**xxv.** Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u qabel unanimament mas-suġġeriment tas-Sindku li dawn l-iskips kellhom jitneħħew minnufih.

*Il-Kunsillier Ismael Dalli wasal fi 18:40pm.*

**xxvi.** Is-Sindku Paul Farrugia ssuġġerixxa li fi triq San Franġisk f'area li imhix mibnija, jittella' monument għad unur l-Iskultur Renzo Gauci. Żied jispjega li jekk il-Kunsill kien jaqbel ma din il-proposta kien ser iqabbad il-Perit u jibda

Monument – Renzo Gauci

billi jiċċekja jekk l-area in kwistjoni kenitx tal-privat jew le.

**xxvii.** Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li għall-injections kontra l-influwenza kienu nkitbu mal-100 persuna. Huwa staqsa lill-kunsillier Lawrence Bonavia jekk għal darboħra kienx ser jagħti din l-injection huwa f'isem il-Kunsill Lokali. Is-Sur Lawrence Bonavia aċċetta li għal sena oħra joffri dan is-servizz. Is-Sindku f'isem il-Kunsill rringrazzja lis-Sur Bonavia talli kull sena joffri dan is-servizz b'mod volontarju. Injections Influwenza

*Il-Kunsillier Lawrence Bonavia rtira mil-laqgħa fis-18:45.*

**xxviii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien wasal ilment minn residenti f'Nru 115, triq Annunzjata fejn dawn kienu qed jilmentaw li meta tagħmel ix-xita l-ilma kien qed jinżamm man-naħa tagħhom u kull darba li jgħaddu l-karozzi kienu qed jisplexjaw l-ilma mal-faċċati tagħhom. Triq l-Annunzjata – Problema ilma tax-xita

**xxviii.i** Saret diskussjoni dwar dan il-ka u ġie deċi li titntbgħat talba lill-TM fejn nissuġġerulhom li l-parking fi Triq l-Annunzjata bejn triq Sorijiet sa triq l-Iskola jinbidel in-naħa tiegħu u dan ukoll kien iservi ta' detterrent sabiex wieħed inaqqas l-ispeed li jkun għaddej bih f'din it-triq.

**xxix.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet waslet talba mingħand s-Sur Degabriele sid tal-ħanut Mario's Hardware Store fi Triq l-Fuħħar fejn dan kien qed jitlob li quddiem bieb/vettrina minnhom tal-ħanut tiegħu ssir UN/LOADING Bay. Talba Un/Loading Bay

**xxix.i** Saret diskussjoni mill-Kunsill dwar din it-talba u ġie deċiż unanimament li din it-talba ma tintlaqax għaliex dan il-ħanut in kwistjoni għandu b'kollox 4 bibien bi 2 minn dawn il-bibien huma vetrina u bieb ieħor fejn għandu store. Apparti hekk kieku kellha tintlaqa din it-talba kellha titneħħa parking bay bajda li tinsab quddiem bieb/vetrina minnhom u b'hekk jonqos il-parkeġġ.

**xxx.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet waslet proposta mingħand il-kumpanija TCTC fejn dawn kienu qed joffru li jagħtu lezzjonijiet tal-IT u ECDL fejn jekk il-Kunsill jaċċetta dan kellu jħallas lill-TCTC is-somma ta' €2800. Proposta TCTC

**xxx.i** Saret diskussjoni dwar dan mill-Kunsill fejn irrimarkaw li hekk kif qegħda miktuba l-proposta tat-TCTC, il-Kunsill kien qed iqisha mhux ċara. Għaldaqstant ġie deċiż li tintbgħat talba għal-kjarifika lill-TCTC fejn jiġu mitluba jikkjarifikaw eżattament xi jkun hemm inkluż fil-prezz ta' €2800 li l-Kunsill ikun ser iħallas.

**87.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

**i.** Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat.

**87.5 Rapporti**

**i.** Ma kienx hemm Rapporti x'jiġu mressqa għall-approvazzjoni tal-Kunsill waqt din il-laqgħa.

**87.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

i. Ġiet mressqa l-iSkeda ta' Pagamenti Nru.72/07. Din l-iSkeda ġiet approvata b'mod unanimu u ġiet iffirmata mis-Sindku, mis-Seg. Eżek. u minn żewġ Kunsilliera.

**87.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

**i.** Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat.

**87.8 Mozzjonijiet**

**i.** Ma kienx hemm Mozzjonijiet imressqa sa mhux iktar tard minn 6 ijiem mid-data ta' din il-laqgħa.

**87.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**i.** Il-laqgħa ntemmet fis-7.20PM.

**ii.** Laqgħa oħra ser tinżamm nhar il-Ħamis 29 ta' Novembru 2018 fil-5.30pm.

**Kav. Paul Farrugia KLJ CMLJ**
**Sindku**

**Sna. Antonella Galea**
**Seg. Eżek**